MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1007/2008

**Mariella Bugeja**

**-vs-**

**Marie Theresa aħjar magħrufa bħala Marthese Alazumi.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-6 ta’ Ottubru, 2008 li permezz tagħha l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-konvenuta kienet tikri l-fond *ossia* appartament bl-isem ta’ ‘Falzon Flats’, Flat 2, Triq Salvu Psaila, Birkirkara mingħand l-attriċi bħala s-sid ta’ l-imsemmi fond, u dan skond skrittura ta’ lokazzjoni (Dok. ‘MB1’), liema skrittura kienet skadiet u billi l-ħlas tal-kera wara li tali skrittura skadiet baqa’ jsir kull xahar min-naħa

tal-konvenuta lill-attriċi l-kera (hekk kif hemm imsemmi fl-istess skrittura) hija meqjusa skond il-liġi li d-durata tal-lokazzjoni tkun ta' xahar sakemm ma terġax tiġġedded min-naħa ta' l-attriċi;

2. Illi fil-fatt tali lokazzjoni baqgħet tiġġedded minn xahar għal xahar sakemm l-attriċi *qua* sid tal-fond in kwistjoni ma riditx tagħmel dan aktar u permezz ta' ittra uffiċjali datata 4 ta' Diċembru, 2006 (Dok. 'MB2') debitament innotifikata lill-konvenuta a tenur ta' l-Artiklu 1568 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi hija m'għandha l-ebda intenzjoni li ġġedded tali lokazzjoni għal xahar ieħor wara s-6 ta' Settembru, 2008;

3. Illi *nonostante* illi skada ż-żmien hawn fuq indikat u per konsegwenza skadiet u ntemmet il-kirja, il-konvenuta baqgħet ma vvakatx mill-imsemmi fond u qed tirrifjuta li tagħmel dan;

4. Illi l-konvenuta qiegħda llum għalhekk tiddetjeni l-imsemmi fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u kien għalhekk illi l-attriċi kellha tressaq din il-kawża;

5. Illi jidher ċar għalhekk mis-suespost illi l-konvenuta m'għandha l-ebda eċċezzjonijiet x'tagħti in kontro-trattazzjoni għat-talbiet attriċi u b'hekk jeżistu ċ-ċirkostanzi kkontemplati fl-Artiklu 167 *et sequitur* tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ għal dak li jirrigwarda t-talba attriċi għall-iżgumbrament tal-konvenuta a tenur ta' l-Artiklu 167 hawn fuq ċitat;

Għaldaqstant l-attriċi umilment titlob li, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* ta' l-Artikli 167 *et sequitur* tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

2. Tordna l-iżgumbrament tal-konvenuta mill-fond *ossia* appartament bl-isem ta' 'Falzon Flats', Flat 2, Triq Salvu Psaila, Birkirkara u dan *stante* li llum il-

konvenuta qed tokkupa l-imsemmi fond mingħajr il-kunsens ta’ l-attriċi u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u tiffissa terminu qasir u perentorju għal dan il-għan.

Bl-ispejjeż u l-konvenuta minn issa nġunta għas-subizzjoni.

B’riserva minn issa ta’ l-attriċi fil-konfront tal-konvenuta *in linea* ta’ danni, *inter alia*, għall-okkupazzjoni llegali tagħha, kif ukoll għall-arretrati ta’ kera.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għas-seduta tal-15 ta’ Ottubru, 2008.

Semgħet lill-konvenuta.

Ikkunsidrat;

Illi kif jirriżulta mill-istess verbal tal-lum il-konvenuta ma ssodisfatx lill-Qorti li kellha xi eċċezzjonijiet x’tagħti.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa’ t-talbiet attriċi b’dan li għall-fini tat-tieni talba l-konvenuta għandha tiżgombra fi żmien xahar mil-lum.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------